MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2006

Numru. 365/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Carlo Ellul)**

**vs**

**Emanuel Micallef ta‘ 33 sena iben Joseph u Antonia nee Bonello imwieled Floriana fil-15/11/1968 u joqghod Binja F Sciberras, Ent. B., Pjazza Filippo Sciberras, Floriana, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 493968 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Emanuel Micallef li gie akkuzat talli fit-28 ta‘ Lulju, 2001 ghall-habta tas-7.00 p.m. waqt li kien isuq vettura Nru. CAM-809 ta‘ ghamla Ford Escort fi Triq Dicembru Tlettax, il-Marsa b‘nuqqas ta‘

hsieb, ta‘ kont, bi traskuragni, periklu u/jew nuqqas ta‘ hila fl-arti jew professjoni tieghu u/jew b‘nuqqas ta‘ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, kkaguna l-mewt ta‘ Garret Micallef u dan bi ksur ta‘ Art 225 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna offiza ta‘ natura gravi fuq il-persuna ta‘ Brandon Micallef, dan bi ksur tal-art 226(1)(c) ta‘ l-istess Kodici u dan kollu bi ksur tar-Regolament 102 tal-Motor Vehicle Regulations, 1948 u bi ksur ta‘ l-artiklu 15 (1)(a) ta‘ l-Ordinanza dwar ir-regolament tat-traffiku (Kap 65 tal-Ligijiet ta‘ Malta);

U aktar talli fl-istess data, lok u hin saq l-imsemmija vettura b‘manjiera perikoluza u bla kont, u b‘manjiera traskurata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Genearli u cioe:

l-artikoli 225, 20, 23, 30 u 533 tal-Kapitlu 9, 15, 17, 18 tal-Kapitlu 65 u l-Avviz Legali 128 tal-1994.

Rat li moqrija l-artikoli, l-akkuzat wiegeb li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Ikkonsidrat

Illi din il-kawza hija kagun ta‘ incident stradali li fih miet Garret Micallef u wegga‘ (allegatament) b‘mod gravi Brandon Micallef.

Illi l-vettura nvoluta f‘dan l-incident kienet misjuqa mill-akkuzat Emanuel Micallef.

Huwa pacifiku li Brandon Micallef miet kagun ta‘ dan l-incident, basta wiehed jara r-rapport ta‘ Dr Mario Scerri u dak tal-patologisti.

Kif gia nghad Emanuel Micallef gie anke akkuzat talli fera lil ibnu Brandon Micallef. Taqbel din il-Qorti ma‘ dak espost mid-Difiza illi dawn il-griehi ma gew bl-ebda mod

pruvati u ghalhekk certament Micallef Emanuel ma jistax jirrispondi ghal tali akkuzi.

Min-naha l-ohra pero‘ huwa gie addebitat bir-reat principali prospettat taht l-artikolu 225 tal-Kapitlu 9 u cioe talli involontarjament ikkaguna l-mewt ta‘ Garret Micallef.

Ikkonsidrat

Illi tibda din il-Qorti biex ma‘ l-ewwel tirrileva li taqbel ma‘ dak li kkonkluda l-perit tekniku, Joseph Zammit, illi certament l-incident stradali ma kienx kagun ta‘ xi fault f‘xi sistema tal-vettura.

Hija ovvjament ikkontestata mid-Difiza ir-responsabilita‘ kriminali (culpa) ta‘ Micallef fil-konfront ta‘ mewt ta‘ Garret Micallef.

Minn ezami tax-xhieda li nghatat li ddesdriviet id-dinamika ta‘ dan l-incident jirrizultaw zewg verzjonijiet cioe dik ta‘ l-akkuzat innifsu ta‘ xhud iehor John Leanoard Bellotti.

Min-naha tieghu John Leonard Bellante jiddeskrivi l-incident b‘dan il-mod, li hu kien qabez il-vettura CAM-809 hdejn il-knisja tal-Blata l-Bajda. Jghid li darba li wasal hdejn il-monument tad-dghajsa din il-vettura qalghatu minn gewwa. Jghid li s-sewwieq kien qed isuq bi speed eccessiv sew (fol 94 tal-Proces Verbal). Rah jitlef il-kontroll tal-vettura fil-kisra.

Viva voce jerga‘ jikkonferma dak li xehed fl-inkjesta. Izid illi kif il-vettura qalghatu minn gewwa mar quddiem lagenba. Ikkonferma li l-vettura mahbuta habtet biss ma‘ sigra u ma kellha kuntatt ma‘ ebda vettura ohra. Zied ukoll illi hu kien qed isuq bi speed ta‘ 75 kilometru fis-siegha.

Min-naha tieghu fl-inkjesta Micallef jghid li hu kien qed isuq fuq in-naha ta‘ barra u li fuq gewwa kienu ghaddejin tliet karozzi. Kien vicin il-monument tad-dghajsa. Jghid li ra karozza gejja warajh biex taqbzu, ghafas il-gass biex jidhol fuq ix-xellug. Hu u qed jaghmel hekk il-vettura

marritlu min-naha ta‘ wara, mess is-centre strip u hass daqqa kbira. Zied ukoll li l-vettura l-hamra ma messitux pero‘ li fixklitu. Jghid ukoll li l-vettura haditu mad-dawra.

Viva voce jghid li hu kien ghaddej fuq il-lane ta‘ gewwa quddiemu kien hemm karozzi ohra ta‘ quddiemha qal fuq il-lane ta‘ barra ghax quddiemu kien hemm xarabank. L-akkuzat ghamel hekk ukoll. Dak il-hin sema‘ karozza gejja minn warajh bis-sahha. Din il-vettura bdiet taghfas mieghu, zied il-gass biex jipprova jidhol fil-linja ta‘ gewwa imma ma setghax. Jghid li dan ta‘ warajh baqa‘ jghafsu, tefghu fuq is-central strip u ghadda bejnu u bejn il-karozza. Kien hawn skond l-akkuzat li hu habat mas-central strip u tilef il-kontroll.

Ikkonsidrat

Illi fl-ewwel lok din ghandu jigi rilevat illi ghalkemm Bellante kien konstanti f‘dak li xehed kemm fl-inkjesta kif ukoll viva voce, l-istess ma jistax jinghad ghall-verzjonijiet li ta l-akkuzat. Hemm differenza distinta bejn id-dinamika ta‘ l-incident minnu deskritt fl-inkjesta Magisterjali u dak li ghazel li jixhed viva voce. Bizzejjed li jinghad li sahansitra biddel il-karreggjata li kien qed juza cioe bejn l-outer u l-inner lane.

Oltre hekk lanqas ma tista‘ taqbel il-Qorti mat-tezi tad-Difiza li ma kienx hemm speed eccessiv. Jekk Bellotti jaghti l-ispeed tieghu ghal dak ta‘ 75 kilometru fis-siegha, gia fil-fehma konservattiv tenut kont tal-brake mark li halla l-istess Bellotti kif jidher fuq l-isketch, multo magis allura aktar qawwi l-ispeed ta‘ Micallef li kien qed jaqghalu.

Illi din il-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex m‘ghandhiex, maghdud ma‘ dak gia premess, ma taghmilx taghha l-konkluzjonijiet ta‘ l-esperti Joseph Zammit u Dr Veronica Aquilina f‘dak li hi r-responsabilita‘ kriminali ta‘ Emanuel Micallef fil-konfront ta‘ dan l-incident stradali u l-konsegwenti mewt ta‘ Garret Micallef.

Ghaldaqstant qed issibu hati wara li rat l-artikolu 225 tal-Kapitlu 9 bl-assorbiment ta‘ l-artikolu 15, 17, 18 tal-Kapitlu 65 in kwantu tqis li s-sewqan ta‘ Micallef kien kemm perikoluz kif ukoll bla kont.

Dwar il-piena rat ukoll l-artikolu 17, 23 u 30 tal-Kapitlu 9. Rat li ma giet esebita ebda fedina penali ta‘ l-akkuzat, ghaldaqstant mhux se tikkundannah ghal piena karcerarja, qeghda tikkkunannah ghal multa ta‘ elfejn lira Maltija (LM 2000).

Tordna l-konfiska tal-vettura bin-numru ta‘ registrazzjoni CAM-809. Tiskwalifikah milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghal sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------